Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 85/2016/1

**J. Zammit Limited (appellanti)**

**Vs**

**Gordon Agius (appellat)**

18 ta' Dicembru, 2018.

1. Fis-27 ta' April, 2016 l-attrici pprezentat kawza fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-hlas ta' sitt elef tlett mija u tmienja u tletin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€6,338.52) jew somma ohra li tigi likwidata mill-qorti, bhala bilanc tal-prezz ghall-bejgh tal-vettura Peugeot 407 SV HDI tal-5 ta' Gunju, 2012.

2. B'sentenza tas-27 ta' Gunju, 2018 l-ewwel qorti laqat l-eccezzjonijiet fil-meritu u cahdet it-talba tas-socjeta attrici.

3. B'rikors prezentat fis-16 ta' Lulju, 2018 l-attrici appellat mis-sentenza bl-aggravju jkun li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi u fatti.

4. Fis-27 ta' Awissu, 2018 wiegeb il-konvenut fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

5. Ir-ragunijiet li tat l-ewwel qorti u li wassluha biex tichad it-talba tal-attrici huma:

   i. Il-kuntratt ta' bejgh tal-vettura, u li fuqu kienet bazata l-kawza, m'huwiex iffirmat mis-socjeta attrici.

   ii. Il-kuntratt hu wiehed ta' *hire purchase* u mhux kuntratt ta' bejgh;

*"Illi mid-dokumenti esebiti mir-rikorrenti stess u senjatament JZ1 sa JZ22 a folio 24 et sequitur tal-process jirrizulta li fil-fatt il-partijiet ghamlu kuntratt ta' 'hire purchase' u mhux kuntratt ta' bejgh, minn liema kuntratt jirrizulta fic-car illi l-proprjetà tal-vettura ma kinitx se tghaddi ghand l-intimat qabel ma jsir l-ahhar pagament dovut u s-sid tal- vettura baqghet is-socjetà rikorrenti.*

*Illi s-socjetà rikorrenti tghid illi hija hadet lura l-vettura u dan kif xehed l-istess rapprezentant a folio 22 li ddikjara illi l-vettura ttiehdet minn kunsinnatarju. Però li l-vettura tinsab ghand kunsinnatarju mahtur mill- Qorti ma ngabet ebda prova u ghalhekk l-unika prova li hemm hi li l- vettura ttiehdet mis-socjetà attrici, kif iddikjara l-istess rapprezentant taghha. Illi ghalhekk is-socjetà rikorrenti ghandha l-vettura fil-pussess taghha u fl-istess hin qed titlob il-hlas tal-bilanc dovut, zewg talbiet li mhumiex kompatibbli ma' xulxin.*

*Is-socjetà rikorrenti kellha fil-fatt taghzel hux se tkompli taghti effett lill-kuntratt pendenti bejn il-partijiet u tezigi l-kumplament tal-hlas dovut jew inkella hux se tiehu lura l-pussess tal-vettura u tirrinunzja ghall-hlasijiet li kienu ghadhom dovuti, u dan minghajr pregudizzju ghad-drittijiet taghha li jistghu jirrizultaw mill-ftehim bejn il-partijiet. Is-socjetà rikorrenti ma setetx tibbenefika miz-zewg sitwazzjonijiet ghad-detriment tal-intimat. Ladarba ghazlet li tiehu lura l-vettura ma tistax titlob ukoll il-kumplament tal-hlasijiet li altrimenti kienu jkunu dovuti mill-intimat. Dan kif digà gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna".*

6. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva li:

    i. Hu fatt li l-kuntratt li ssemma fir-rikors promotur, m'huwiex iffirmat mill-attrici. Hu evidenti li t-thazziza li hemm fil-parti fejn suppost jiffirma l-bejjiegh, saret mill-konvenut. Jidher li l-konvenut kien beda jiffirma fil-parti rizervata ghall-bejjiegh u mbaghad waqaf u ffirma fejn suppost kellu jiffirma.

    ii. Kuntratt bhal dak ezebit a fol. 2, sabiex ikun jorbot ghandu ikun iffirmat miz-zewg partijiet. Ir-riferenza ghall-artikolu 1233 tal-Kodici Civili ma tghinx lill-attrici.

iii. Madankollu rrispettivament jekk l-attrici ffirmatx il-kuntratt jew le, m'hemmx kontestazzjoni li l-konvenut xtara l-vettura minghand l-attrici. Tant hu hekk li harrek lill-attrici fit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur (**Gordon Agius vs J. Zammit Limited** – numru 167/2014) minhabba difetti li kellha l-vettura. B'sentenza tat-3 ta' Marzu, 2016 inghata ragun u t-Tribunal ikkundanna lill-attrici sabiex:

> *"... fi zmien ghaxart ijiem tinstalla 'sensor unit' gdid u originali fil-vettura tar-rikorrenti u dan kollu a spejjez tal-istess socjeta J. Zammit Limited flimkien mas-somma ta' €200 stabbilita ex aequo et bono li ghandha tithallas mis-socjeta intimata lir-rikorrent"*.

iv. Il-qorti tfakkar fl-artikolu 213 tal-Kap. 12 li bis-sahha tieghu Qorti tal-Magistrati (Malta) f'kawza civili l-qorti tista' tiddeciedi fuq jedd ghalkemm ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali.

v. Il-konkluzjoni tal-ewwel qorti li l-attrici hadet il-pussess tal-vettura, bazata fuq dak li xehed James Zammit, hi gratuwita. James Zammit, rapprezentat tas-socjeta attrici, xehed: *"Il-karozza llum tinsab **maqbuda bil-marixxalli ghand il-konsenjatarju** hekk hu"*. Minn dak il-kliem l-ewwel qorti kellha tifhem li kien inhareg mandat ta' qbid kawtelatorju u mhux li l-attrici hadet il-pussess tal-vettura. Li kieku l-attrici qabdet u minn jeddha hadet il-pussess tal-vettura, ma kienx ikun involut l-ufficjal ezekuttiv tal-qorti. M'hemmx provi li l-vettura qeghda fil-pussess tal-attrici. Dak li xehed James Zammit jista' biss jinftiehem li l-vettura nqabdet in forza ta' mandat ta' qbid kawtelatorju. Mandat li jservi bhala garanzija ghall-pretensjoni li jkollu l-persuna li titlob il-hrug tieghu.

vi. Tant sar negozju li l-konvenut iffirma wkoll l-kambjali (fol. 24-44). Inoltre, l-konvenut stess xehed, *"Illi jien kont xtrajt din il-vettura fis-sena 2012"* (fol. 55).

7. Fis-sentenza l-ewwel qorti semmiet ukoll li l-attrici m'onoratx is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur. Il-konvenut xehed, *"Illi mhux biss J Zammit Limited naqset milli isegwi d-direzzjoni u d-decizjoni tat-Tribunal......"* (fol. 56). Dak il-fatt wahdu ma kellux iwassal lill-qorti li tichad it-talba tal-attur, izda li tnaqqas il-hlas li tippretendi l-attrici minghand il-konvenut.

8. Mill-provi jirrizulta li meta sar in-negozju, il-konvenut kien ghad baqghalu bilanc ta' €7,671.25 (ara rendikont a fol. 45). Mill-istess dokumenti jirrizulta li l-konvenut kien qieghed jaghmel pagamenti akkont, u b'kollox hallas is-somma ta' €3,500. B'hekk jibqa' bilanc ta' **€4,170.25**. L-ahhar pagament sar fid-19 ta' Mejju, 2014.

9. Gialadarba m'hemmx prova li l-attrici wetqet l-ordni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur, mis-somma dovuta lill-attrici trid titnaqqas is-somma ta' €200 u wkoll il-valur tas-*sensor*. M'huwiex maghruf x'inhu l-valur tas-*sensor* u ghalhekk *arbitrio boni viri* l-qorti ser tnaqqas somma oħra ta' €200.

**Ghal dawn il-motivi tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Gunju, 2018 in kwantu cahdet l-ewwel eccezzjoni, u tvarja l-istess fir-rigward tal-kumplament billi tichad il-kumplament tal-ecceczzjoni u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-kumpannija attrici s-somma ta' erbat elef mija u sebghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€4,170.25) bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors promotur. Issir ukoll tpacija fir-rigward tal-ispejjez gudizzjarji[1] li ssemmew fis-sentenza Gordon Agius vs J. Zammit Limited (CCT/167/14/S).**

**Spejjez taz-zewg istanzi jinqasmu in kwantu ghal 65% a karigu tal-konvenut u 35% a karigu tal-attrici.**

Anthony Ellul.

---

[1] Inkluzi dawk tal-espert Mario Buttigieg.